**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 t'April 2025**

Rikors Numru: 28/2025 AL

A B u C D

Vs

X

(M.R. Numru 1126/1990)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet li permezz tiegħu esponew:

Illi l-esponenti żżewġu b'rit Kattoliku nhar id-29 ta' Ġunju 1990, liema żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv

elf mija u sitta u għoxrin tas-sena elf disa’ mija u disgħin (1126/1990) hekk kif jirriżulta minn ċertifikat anness u mmarkat Dokument "A";

lli minn dan iż-żwieġ, twieldet tifla waħda fl-4 ta' Frar 1990 li kwindi llum għandha 35 sena;

Illi prevja li ottjenew l-opportuna awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti sseparaw b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Matthew Agius tal-21 ta' Jannar 2025 kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata Dokument "B";

Illi skond l-istess kuntratt, l-esponenti rrinunzjaw reċiprokament mid-dritt rispettiv tagħhom li jitolbu u li jirċievu manteniment mingħand xulxin liema rinunzja hija irrevokabbli u definittiva;

Illi mhemm ebda arretrati ta' manteniment;

Illi l-esponenti ilhom jabitaw separatament minn xulxin għal aktar minn għaxar snin;

Illi ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi għaldaqstant ir-rekwiżiti imposti mill-Art. 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) kif emendat bl-Att XXV tal-2021 jinsabu ampjament sodisfatti;

Illi in sostenn ta' din it-talba, l-esponenti qed jippreżentaw żewġ affidavits li jinsabu annessi u mmarkati Dokument "C" u Dokument "D";

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tippronunzja d-divorzju tal-istanti ossia l-ħall taż-żwieġ ta' A B u C D li ġie ċelebrat b'rit Kattoliku nhar id-29 ta' Ġunju 1990, liema żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elf mija u sitta u għoxrin tas-sena elf disa' mija u disgħin (1126/1990) u dan *ai termini* tal-Art. 66A *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjonijiet ġuramentata taz-zewg rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ Jannar, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Jannar 2025 u de facto separati mis-sena 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.